# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 69

Data tal-laqgħa: 1 ta' Marzu, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Marzu 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Assenti | Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. billi ntqalet it-talba.

**69/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**69/01/01** Ma kienx hemm.

**69/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 67 u 68**

**69/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**69/02/02** **Para 67/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq il-kamra li tinsab biswit l-iskola kważi lest.

**69/02/03** **Para 67/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq il-bandli ta' Ġnien il-Paċi se jkun lest sal-aħħar ta' Marzu.

**69/02/04** **Para 67/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**69/02/05** **Para 67/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa isir minn Infrastructure Malta.

**69/02/06** **Para 67/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**69/02/07** **Para 67/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ser japplika flimkien ma' Reġjun Lvant għal fondi mill-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*.

**69/02/08** **Para 67/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*cover* tal-platform lifter għadha ma saritx.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

69/02/09 **Para 67/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Bulletproof Fitness ġabu *sponsorship* mingħand il-McDonald's għal *open gym* fi Ġnien tal-Ponta.

69/02/10 **Para 67/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mill-Lands Authority fuq il-kuntratt ta' subleasing ta' Torri tas-Semaforu.

69/02/11 **Para 67/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

69/02/12 **Para 67/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja għadha ma tpoġġietx ma' dawra taz-zuntier.

69/02/13 **Para 67/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab l-ERA sabiex tiġi installata kamera tas-sigurta' fejn l-isptar tal-Ferħa kif ukoll fi Triq Għaxqet l-Għajn. Sal-lum ma smajna xejn.

69/02/14 **Para 67/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma għandniex fondi għar-*railing* għal madwar il-perimetru tal-pill box. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li niktbu lil Onor. Ministru Dr Stefan Zrinzo Azzopardi biex jgħinna.

69/02/15 **Para 67/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

69/02/16 **Para 67/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta rigward il-possibbiltà li jsiru traffic lights fi Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa.

69/02/17 **Para 67/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi.

69/02/18 **Para 67/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella 'Slow' fi Triq Ferdinandu saret.

69/02/19 **Para 67/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella li turi l-*speed limit* ħdejn il-Museum fi Triq Mons. L. Catania saret.

69/02/20 **Para 67/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit se japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess sabiex il-bust ta' Guido Tanti jiġi f'Misraħ il-Knisja ħdejn numru 16.

69/02/21 **Para 67/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Transport Malta rigward is-suġġeriment li jsiru strippi mal-art fil-bidu ta' Triq San Ġwann.

69/02/22 **Para 67/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiġbor stimi għal 3 notice boards (ta' ħdejn il-latrina, ta' ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu u ta' ħdejn il-grawnd ta' Xwieki).

69/02/23 **Para 67/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet kitbet lil Enemalta sabiex tiżdied bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

69/02/24 **Para 67/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart ġie ffirmat min-naħa mill-kuntrattur u fuq in-naħa l-oħra mid-Direttur Ġenerali (Kuntratti).

69/02/25 **Para 67/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tinsab f'kuntatt mal-Benna sabiex tiġi organizzata l-Festa tal-Ħalib nhar it-28 ta' Mejju 2023.

69/02/26 **Para 67/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attività tal-karnival kienet suċċess.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**69/02/27** **Para 67/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 4 tabelli qrib il-playing fields sabiex il-vetturi jkunu konxji biż-żona fil-viċinanzi.

**69/02/28** **Para 67/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn 1 MC bay ser nippruvaw noħorġu 2/3 oħra fi Triq Stiefnu Zerafa.

**69/02/29** **Para 67/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet Works Order lil Bertu Aquilina sabiex jiżbogħ il-ħajt ta' barra ta' Ġnien il-Paċi.

**69/02/30** **Para 67/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni għal Community Greening Grant (Project Green).

**69/02/31** **Para 67/05/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill qabel li nissottomettu applikazzjoni lill-Kunsill Reġjonali Lvant re Espressjoni ta' Interess – Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi.

**69/02/32** **Para 67/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għada ser titranġa parti minn bankina fi Vjal ir-Repubblika.

**69/02/33** **Para 67/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella ta' CCTV fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**69/02/34** **Para 67/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret kaxxa bajda fi Triq Mons L. Catania.

**69/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**69/03/01** Is-Sindku qalet li tal-mistħija li l-Kunsill ma kienx mistieden għal Press Conference dwar il-Victoria Lines.

**69/03/02** Is-Sindku ssuġġeriet li l-impjegati jkollhom uniformi. Kien hemm qbil unanimu.

**69/03/03** Is-Sindku ssuġġeriet li bħala spettaklu ta' Jum il-Għargħur inqabdu lil Elvis Tribute Band u Kantera. Kien hemm qbil unanimu.

**69/03/04** Is-Sindku qalet li r-Reġjun Lvant suġġerixxa li għalissa l-ħin tal-ġbir tal-iskart jibqa' kif inhu.

**69/03/05** Is-Sindku qalet li skont Project Green, Sport Malta applikaw biex jirranġaw Xwieki ground.

**69/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**69/04/01** Ma kienx hemm.

**69/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**69/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' Frar 2023).

**69/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Frar 2023).

**69/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta rigward tneħħija ta' Reserved Parking Bay fi Triq l-Isqof Gargallo.

**69/05/04** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta t-talba għal un/loading bay fi Triq l-Oratorju ma ġietx milqugħa.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**69/05/05** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – SUMP/SULP consultation meeting with Local Councils.

**69/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-GreenPak – To consider installing some light near ibins.

**69/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Frar 2023).

**69/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Local Government Division – Ġie deċiż li Wi-Fi points ta' Triq San Nikola u Triq Mattia Preti ser jiġu terminati minħabba li l-użu tagħhom mhux jintuża biżżejjed u ma baqax aktar sostenibbli. Dawn il-points ser jiġu terminati fil-31 ta' Marzu 2023. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nitolbu lil Onor. Sa. Alison Zerafa Civelli biex tgħinna.

**69/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Local Government Division – Servizzi aktar aċċessibbli mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali.

**69/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – EMP 961 – Proġett pilota accessibility audit tal-bankini.

**69/05/11** Fuq it-talba ta' resident għal rimborż ta' tyre fi Triq S. Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/12** Fuq it-talba ta' residenta għal rimborż ta' tyre fi Triq S. Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/13** Fuq it-talba ta' resident għal rimborż ta' tyre fi Triq S. Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/14** Fuq it-talba ta' resident għal rimborż ta' tyre fi Triq S. Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/15** Fuq it-talba ta' residenta għal rimborż ta' tyre fi Triq S. Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/16** Fuq it-talba ta' resident għal rimborż ta' tyre fi Triq S. Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/17** Fuq it-talba ta' resident biex jitwal id-double yellow line fi Triq il-31 ta' Marzu. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/18** Fuq it-talba ta' resident għal No Parking Bay fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**69/05/19** Fuq it-talba biex tiġi rranġata s-sistema ta' dawl fi Ġnien il-Paċi. Kien hemm qbil unanimu.

**69/05/20** Fuq it-talba biex jinxtraw bins ġodda fi Ġnien tal-Ponta. Kien hemm qbil unanimu.

**69/05/21** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq Ferdinandu. Ġie deċiż li nibagħtu ittra biex naraw jekk ir-residenti l-oħra jsibux oġġezzjoni.

**69/05/22** Fuq it-talba ta' resident għal double yellow line taħt it-tieqa ta' residenza fi Triq Ferdinandu. Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lil Transport Malta.

**69/05/23** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li tintbgħat ittra lir-residenti biex naraw jekk jaqblux li Triq Dun K. Vella tiġi *one-way*. Kien hemm qbil unanimu.

**69/05/24** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jsir marċ f'Jum il-Għargħur. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jiddependi minn kemm għandna fondi.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**69/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**69/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**69/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**69/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:50p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 14 t' April 2023 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |